# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Marzu, 2022.**

**Numru 11**

**Rikors numru 689/11/1 MH**

**Mark Ellul Sullivan, Caroline Hayes u Ikebana Holdings Limited (C29866), CSMR (1994) Limited (C16452) u Robert Damkjaer (Malta) Limited (C30652)**

**v.**

**Avukat Dr Henri Mizzi li b'digriet tal-24 ta' Awwissu 2011 ġie nominat bħala Kuratur Deputat sabiex jirrappreżenta lill-kumpanniji esteri ta' nazzjonalita Daniża Damkjaer International A/S, [numru ta' reġistrazzjoni 18033070 ta' Anslet Landevej 10, DK 6100 Haderslev, Denmark u Robert Damkjaer Limited**

1. B'rikors preżentat fis-17 ta' Novembru, 2021, l-atturi talbu li jingħataw il-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament minħabba li m'għandhomx il-mezzi biex jagħtu garanzija għall-ispejjeż tal-appell fl-

ammont ta' €32,659. F'dak ir-rikors l-atturi ppremettew fost'affarijiet oħra li:

> *"Illi l-kollass tal-arranġamenti kummerċjali bejn il-partijiet – li fuq kollox huwa parti mill-mertu tal-appell odjern – wassal għal sitwazzjoni fejn il-kumpannija appellanti llum il-ġurnata m'għadhiex topera u lanqas m'għandha assi, għalhekk ser ikunu l-benefiċċjarji, ossija Mark Ellul Sullivan u Caroline Hayes illi ser ikollhom jagħmlu tajjeb għall-garanzija relattiva......*
>
> *Illi wieħed għandu wkoll iqis illi ladarba l-appell odjern ser jinstema' flimkien ma' dak bin-numru ta' referenza 337/2007 ġie rikjamat sabiex jinstema' ma' dak odjern, l-istess benefiċċjarji Ellul Sullivan u Hayes ser ikollhom jagħmlu tajjeb ukoll għall-kawtela f'dak l-appell fl-istess waqt u dan għaliex il-kumpanniji appellanti illum m'għadhomx joperaw kif ingħad. Dan ifisser li l-kawtela komplessiva ser ikollha tkun fl-ammont ta' kawżi sebgħin elf ewro (€70,000) somma konsiderevoli li, fil-verita' hi diffiċli jekk mhux addirittura impossibbli għall-maġġior parti tal-popolazzjoni. Evidentement l-esponenti ma jistgħux jitqiegħdu f'posizzjoni li jaraw għandhomx jikkawtelaw appell flok ieħor.*
>
> *Illi għalhekk jiġi umilment sottomess illi hemm lok li l-appellanti tingħata l-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament a tenur tal-artikolu 904 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta"*.

2. Fir-rikors l-atturi talbu lil din il-Qorti sabiex tagħtihom:

> *".... il-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament fir-rigward tal-appell fl-ismijiet premessi, bin-numru ta' referenza 689/2011, u fin-nuqqas tiddiferixxi l-appell odjern għal ftit xhur oħra sabiex l-imsemmija appellanti Ellul Sullivan ikunu jistgħu isibu l-fondi sabiex jagħmlu tajjeb għall-imsemmija kawtela"*.

3. Talba li saret wara li ġie appuntat għas-smigħ ir-rikors tal-appell tal-atturi li bih appellaw mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim' Awla u talbu lil din il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza tat-28 ta' Settembru, 2016, u filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet tal-atturi.

4. Għas-seduta tat-18 ta' Ottubru, 2021, deheru l-appellanti Mark Ellul Sullivan u Caroline Hayes u taw ruħhom b'notifikati bl-avviż ta' smigħ tal-appell u kawtela (Reġistru €13,864 + Av u P.L. €18,795.38). Dakinhar l-appell kien differit għas-seduta tas-6 ta' Diċembru, 2021, għan-notifika tal-kumpaniji atturi appellanti u ħlas tal-kawtela. Il-garanzija għall-ispejjeż tal-appell baqgħet ma ngħatatx u l-kumpanija appellanti (CSMR (1994) Limited u Ikebana Holdings Limited) baqgħu ma tawx ruħhom notifikati. Madankollu fis-17 ta' Novembru, 2021, l-atturi ppreżentaw rikors sabiex il-Qorti tagħtihom il-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament kontemplat fl-Art. 904 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

5. Fis-seduta tas-6 ta' Diċembru, 2021, Dr Kevan Azzopardi bħala stralċarju tal-attriċi Robert Damkjaer (Malta) Limited, iddikjara li ma kienx ta l-awtorizazzjoni sabiex isir appell ukoll f'isem dik il-kumpanija u għalhekk mhuwiex appellant f'dawn il-proċeduri. Fis-seduti ta' wara tressqu provi dwar it-talba tal-atturi sabiex jingħataw il-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament skont l-Art. 904 tal-Kap. 12.

6. Kemm Caroline Hayes u Mark Ellul Sullivan xehedu li m'għandhomx mezzi finanzjarji sabiex jiddepożitaw il-garanzija. Mill-provi ma jirriżultax li xi ħadd minnhom talab lil xi bank lokali biex jagħti garanzija għall-ispejjeż tal-appell.

7. Pero` jirriżulta li fil-5, 8 u 11 ta' Ottubru, 2021, f'kont HSBC Bank Malta plc f'isem Mark Ellul Sullivan kienu ġew depożitati b'kollox is-somma ta' €33,000 (ara nota u dokumenti preżentati mill-appellanti fit-18 ta' Frar, 2022).[1] Din hi l-aħjar prova li kien hemm biżżejjed flus sabiex l-atturi jagħtu l-garanzija għall-ispejjeż tal-appell. Fil-fatt fit-18 ta' Ottubru, 2021, id-data tal-ewwel seduta meta l-appellanti Mark Ellul Sullivan u Caroline Hayes taw ruħhom b'notifikati bl-avviż tal-kawtela, fil-kont kien hemm depożitata s-somma ta' €33,720.44. Somma li tkopri l-garanzija li ntalbet mir-Reġistratur għal dan l-appell.

8. Għalkemm fin-nota tat-18 ta' Frar, 2022, l-atturi ddikjaraw li dawk il-flus kienu ġew depożitati fil-kont sabiex ikun hemm biżżejjed flus sabiex jitħallsu l-ispejjeż tal-qorti u li ma kinux *'profit sharing',* kuntrarjament għal dak dikjarat fir-rendikont tal-kont bankjarju mehmuż man-nota, għall-finijiet ta' din id-deċiżjoni mhijiex ser tagħmel differenza x'inhi l-verita`. Dan minkejja li Mark Ellul Sullivan ma ta l-ebda spjegazzjoni kif fir-rendikont saru dawk it-tliet depożiti u hemm stampat il-kliem *'profit sharing'* għal kull wieħed mit-tliet depożiti. Il-fatt jibqa' li b'dawk il-flus depożitati fil-kont ta' wieħed mill-appellanti (Mark Ellul Sullivan), l-atturi kellhom il-likwidita` sabiex jagħtu l-garanzija li ntalbet mir-Reġistratur.

[1] Ara wkoll nota bil-kummenti li ppreżenta l-appellat *nomine*.

9. Fl-imsemmija nota l-atturi appellanti qalu li sabu ruħhom f'pożizzjoni li minħabba li fl-istess żmien kien hemm ukoll l-appell 337/2007 appuntat għas-smigħ, kien ċar li l-flus ma kinux biżżejjed sabiex ikopru l-garanzija li kien hemm bżonn għaż-żewġ appelli. Pero` jibqa' l-fatt li ma ddepożitawhomx kif trid il-liġi bħala garanzija għall-ispejjeż.

10. Għalkemm fir-rikors tas-17 ta' Novembru, 2021, l-atturi ddikjaraw li l-garanzija komplessiva li trid tingħata fl-appelli 337/2007 u f'dan l-appell ser tkun fl-ammont *"ta' kważi sebgħin elf ewro (€70,000)...... Evidentement l-esponenti ma jistgħux jitqiegħdu f'posizzjoni li jaraw għandhomx jikkawtelaw appell flok ieħor"*, dik hi deċiżjoni li kellhom jieħdu huma u ħadd iktar. Il-fatt jibqa' li kien hemm biżżejjed flus fil-kont bankarju tal-appellant Mark Ellul Sullivan sabiex titħallas il-garanzija mitluba f'dan l-appell. Mela l-atturi, li appellaw flimkien permezz ta' rikors tal-appell wieħed, ma kellhomx jedd jitolbu li jingħataw il-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament skont l-Art. 904 tal-Kap. 12.

11. Il-Qorti żżid li fis-seduta tas-17 ta' Jannar, 2002, l-appellant Mark Ellul Sullivan qal li fis-sena jaqla' ċirka €20,000. Mistoqsi għandux qligħ ieħor wieġeb: *"Qligħ ieħor imbagħad jekk ikollna profits pero dan s'issa għadna ma ħadna xejn, imma that is it jiġifieri"*. Għas-sena 2021 fir-rendikont ta' taxxa flimkien ma' martu ddikjara €2,156 qligħ ta' martu u €21,641 qligħ tiegħu. Total ta' €23,796 bħala *total chargeable income*, li

lanqas ifissru €2000 fix-xahar. Qligħ li kien ftit iktar fis-sena 2020 skont il-kopja tal-FS3 li ppreżenta. Il-Qorti fehmet li l-qligħ tal-appellant hu mis-salarju bħala *managing director* ta' Island Food Importers & Distributors Limited. Meta xehed fis-seduta tal-14 ta' Frar, 2022, qal li s-salarju tiegħu jvarja għaliex hu wkoll bażat fuq il-*performance* tal-kumpanija. Dakinhar mistoqsi kemm kien is-salarju tiegħu, wieġeb *"Onestament ma nafx"*. Din il-Qorti ma temminx li *managing director* b'dak it-tip ta' qligħ li ddikjara Mark Ellul Sullivan fis-snin 2020 u 2021, ma jkunx jaf x'salarju għandu. Kien wara iktar domandi li qal li fis-sena, *'.... jkolli xi twenty two circa'* mingħajr *profit sharing* li jirċievi mingħand il-kumpanija. Wara iktar domandi qal li fl-2021 irċieva xi €8000 oħra *profit sharing* u fl-2020 irċieva €1000. Bażat fuq dak li xehed u r-rendikont tat-taxxa għas-sena ta' stima 2021, ma jirriżultax li s-somma ta' €8000 ġiet inkluża. Rilevanti li fis-seduta preċedenti mistoqsi kellux qligħ ieħor apparti l-€20,000 fis-sena li semma, wieġeb li jkollu qligħ ieħor jekk *".... ikollna profits, pero' dan s'issa għadna ma ħadna xejn, imma that is it jiġifieri"*. Kif rajna meta xehed fis-seduta tal-14 ta' Frar, 2022, irriżulta li kien hemm qligħ ieħor. Ix-xhud qal ukoll li martu hi impjegata bħala *part-time* u għandha qligħ ta' ċirka €12,000. Pero` dan ma jirriżultax dikjarat fid-dokument *'Rendikont tat-Taxxa għas-sena ta' Stima'* 2021. Għalhekk is-sitwazzjoni mhi ċara xejn u l-Qorti tikkonkludi li dak li qal ix-xhud fis-seduti li fihom xehed, ma qalx il-verita` kollha dwar il-qligħ li jagħmel mill-kumpanija Island Food Importers & Distributors Limited.

12. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ser tiċħad it-talba tal-atturi magħmula bir-rikors tas-17 ta' Novembru, 2021.

13. Għal dak li jirrigwarda dik il-parti tat-talba tal-appellanti sabiex jingħataw żmien sabiex isibu l-*funds* biex jagħtu l-garanzija, ma jirriżultax li l-liġi tikkontempla din il-possibilta` wara li l-Qorti tiċħad talba li ssir *ai termini* tal-Art.904 tal-Kap.12.

Għal dawn il-motivi tiċħad it-talba tal-atturi appellanti magħmula bir-rikors li ppreżentaw fis-17 ta' Novembru, 2021, u tiddikjara l-appell tagħhom deżert. Spejjeż kollha a karigu tal-atturi appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da